

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– MONTENEGRO –**

**Brussell, 13 ta' Marzu 2026
(OR. en)**

AD 8/26

LIMITE

CONF-ME 7

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 21: Networks Trans-Ewropej

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negożjar 21: Networks Trans-Ewropej

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2), u hija soġġetta għall-prinċipji għan-negożjati approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negożjati ma għandha tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħra;
- ftehimiet - anke ftehimiet parzjali - milħuqa matul in-negożjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jitqiesu bħala finali sakemm jiġi stabbilit ftehim globali;
- kif ukoll ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negożjar.

L-UE tħeġġeġ lill-Montenegro jkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE, filwaqt li tinnota li jista' jidħol fis-seħħ acquis addizzjonali qabel l-adeżjoni, biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u jiżviluppa, diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE. L-UE tistenna li l-proġetti infrastrutturali kollha, li qed jiġu żviluppati fil-qafas tal-Ftehimiet bejn il-Gvernijiet, ma jmorrux kontra l-acquis tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Il-mod li bih il-Ftehim ser jiġi interpretat, applikat u implimentat jeħtieġ li jiġi ġestit b'attenzjoni. L-UE ser tissorvelja mill-qrib din l-implimentazzjoni.

L-UE tinnota li l-ippjanar tal-infrastruttura nazzjonali tal-Montenegro huwa konformi mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T). F'konformità ma' dan l-approċċ, l-ippjanar tal-Montenegro jirrifletti l-importanza strateġika tat-tishiĥ tal-konnettività reġjonali, kemm fil-Balkani tal-Punent kif ukoll mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tilqa' l-parteċipazzjoni attiva tal-Montenegro fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, billi jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti reġjonali li jtejbu l-konnettività, il-mobbiltà sostenibbli u l-integrazzjoni man-networks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 26/14 CONF-ME 20 u AD 04/26 CONF-ME 4, jaċċetta l-acquis skont il-Kapitolu 21 kif fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2025, u jiddikjara li ser ikun lest li jimplementah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Networks tat-trasport

L-UE tinnota li l-Montenegro allinja l-ippjanar strateġiku tat-trasport tiegħu mal-objettivi tal-acquis fil-qasam tan-networks trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T). L-UE tinnota li l-Montenegro jiddikjara li ser jagħmel progress suffiċjenti fl-objettivi tat-TEN-T sad-data tal-adeżjoni.

L-UE tistieden lill-Montenegro jlesti r-reviżjoni tal-Istrateġija tiegħu għall-Iżvilupp tat-Trasport, li, fost l-oħrajn, tidentifika proġetti ta' infrastruttura prijoritarji fil-qasam tat-trasport bit-triq u l-ferroviji u ser tiżgura allinjament mal-objettivi tar-Regolament TEN-T il-ġdid 2024/1679. Wara l-adozzjoni tal-istrateġija riveduta, l-UE thegġegħ lill-Montenegro jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħha.

L-UE tilqa' l-kooperazzjoni tal-Montenegro fil-qafas tan-Network tat-Trasport Komprensiv Reġjonali tal-Osservatorju tat-Trasport tax-Xlokk tal-Ewropa (SEETO) fl-identifikazzjoni ta' proġetti infrastrutturali ta' prijorità fil-Montenegro. Din il-kooperazzjoni kompliet mill-2019 fil-qafas tal-Komunità tat-Trasport, li fiha l-Montenegro kien parteċipant attiv, inkluż fl-isforzi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali għall-implimentazzjoni tal-estensjoni tat-TEN-T fir-reġjun.

L-UE tinnota li l-Montenegro ħa miżuri biex jikkunsidra aħjar l-implikazzjonijiet fiskali tas-self meħud għall-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura, permezz ta' ppjanar baġitarju mtejjeb u b'segwitu għar-rekwiżiti tal-BERŻ u l-BEI. Għal investimenti ppjanati futuri, l-UE thegġegħ lill-Montenegro jiżgura ppjanar u sekwenzjar bir-reqqa tal-proġetti. Il-Montenegro ser ikollu bżonn jikkombina riżorsi mill-baġit nazzjonali tiegħu u selliefa internazzjonali, filwaqt li jieħu kont tal-ispazju fiskali tal-Montenegro.

L-UE tinnota li l-Montenegro qabel mal-Kummissjoni Ewropea dwar in-network TEN-T futur fir-rigward tal-Montenegro (ara l-mapep fl-Anness 1) u dwar lista ta' proġetti prijoritarji fis-settur tat-trasport. Dawn il-ftehimiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ewwel u t-tieni parametri referenzjarji għall-għeluq stabbiliti fid-dokument AD 6/15 CONF-ME 5.

L-UE tistenna li l-Montenegro jkompli jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva meħtieġa biex iwettaq ir-responsabbiltajiet fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa diġà fis-seħħ kemm għan-networks tat-trasport kif ukoll għal dawk tal-enerġija u tappella lill-Montenegro biex jimla l-pożizzjonijiet li fadal. F'dan il-kuntest, l-UE tieħu nota li l-gvern tal-Montenegro adotta Pjan Direzzjonali għall-Parteċipazzjoni fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2025-2027, li jistabbilixxi azzjonijiet biex tissaħħaħ aktar il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tal-Montenegro sal-jum tal-adeżjoni mal-UE. Dawn l-attivitajiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tielet parametru referenzjarju għall-għeluq stabbilit fid-dokument AD 6/15 CONF-ME 5.

L-UE tistenna li l-Montenegro jimplementa bis-sħiħ il-Pjan Direzzjonali msemmi, inkluż ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal rilevanti u l-istabbiliment ta' strutturi amministrattivi xierqa. L-UE ser tissorvelja mill-qrib il-proċess sal-adeżjoni.

Networks tal-enerġija

L-UE tiegħu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Montenegro dwar l-iżviluppi li għaddejjin fir-rigward tal-interkonnnessjonijiet tan-network tal-elettriku tal-Montenegro ma' pajjiżi oħra tal-Balkani tal-Punent u mal-Italja.

L-UE tiegħu nota tal-informazzjoni li pprovdha l-Montenegro dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fl-iżvilupp ta' pipeline tal-gass reġjonali, il-Pipeline Adrijatiku-Jonju. Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tan-newtralità klimatika tal-UE, l-UE thegħeġġ lill-Montenegro jikseb is-sigurtà tal-enerġija, bl-aħjar mod possibbli, billi jimxi lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tiegħu li tuża riżorsi lokali, tnaqqas l-esponiment għar-riskji tal-provvista esterna, u tappoġġa settur tal-enerġija reżiljenti u modern. Dan l-approċċ isaħħaħ l-indipendenza fit-tul b'mod ħafna aktar effettiv mill-espansjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils fossili. L-UE thegħeġġ lill-Montenegro jesplora għażliet għal aktar diversifikazzjoni u dekarbonizzazzjoni, biex ilesti l-infrastruttura ewlenija tal-elettriku.

L-UE tilqa' l-adozzjoni mill-Montenegro tal-Liġi dwar Proġetti ta' Infrastruttura tal-Enerġija Transfruntiera li tallinja mar-Regolament TEN-E. L-UE tistenna li l-Montenegro jallinja ruħu bis-siġħ u f'waqtu mal-elementi li fadal tar-Regolament TEN-E speċjalment dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-proċess tal-għoti tal-permessi, il-manwal tal-proċeduri, il-parteċipazzjoni pubblika u t-trasparenza u jiżgura l-implimentazzjoni ssiġħa tal-leġiżlazzjoni li tallinja mar-Regolament TEN-E kif meħtieġ mit-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija. Dan ser jappoġġa lill-Montenegro biex ikompli jintegra n-networks tiegħu mal-pajjiżi ġirien, jaċċellera l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u jappoġġa aktar allinjament mal-oġettivi tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.

* * *

Għaldaqstant, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtiegħ aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli tul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro, l-abbiltà tiegħu li jimplementa u jinforza l-acquis f'dan il-kapitolu u t-tlestija tal-allinjament leġislattiv. Jeħtiegħ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lir-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħra tan-negozjati. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Montenegro mal-acquis tal-UE u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' titlob għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro jipprovdi b'mod regolari informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis u fit-tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva tiegħu.

Minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq, jekk meħtiegħ, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument opportun.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 26/14 CONF-ME 20 u AD 04/26 CONF-ME 4, jaċċetta l-acquis skont il-Kapitolu 21 bħala fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2025. L-UE barra minn hekk tinnota li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proċess ta' allinjament mal-acquis u li ser ikun lest jimplementah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn il-25 ta' Diċembru 2025 u l-konklużjoni tan-negozjati.

MAPEP INDIKATTIVI TAN-NETWORK TAT-TRASPORT TRANS-EWROPEW ESTIŻ
GĦALL-MONTENEGRO¹



¹ Kif inkorporat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1679





Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals
stradali-ferrovjarji u ajruporti
Reġjun tal-Balkani tal-Punent



Ewlieni tat-Toroq	Ewlieni Estiġ tat-Toroq	Komprensiv tat-Toroq	Ewlieni Komprensiv	Nodi Urbani
— Triq	— Triq	— Triq	⚓	● Biet Kapitali
- - - Triq / Kostr. Għida	- - - Triq / Kostr. Għida	- - - Triq / Kostr. Għida	⊕	● Nodi Urbani
		↔ Proġettati	✈	
			⊕	
			⊕	
			✈	

TEN/tec